**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' April, 2002**

**Numru 9**

**Avviz. numru 173/01JR**

**Michael Borg**

**vs**

**Busuttil George**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attur fis-7 ta' Marzu,2001 fejn talab lill-konvenut ighid l-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandhux jikkundannah li jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira u erbghin centezmu (Lm271.40c) danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tal-31 ta' Awissu 1999 f'Old Mill Street, Mellieha, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq ingenju li jobrox il-qatran, baqa' diehel gewwa l-vettura bin-numru tar-**

**registrazzjoni DAR 923 propjeta' tal-attur, liema vettura kienet wieqfa, u liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ppresentata mill-konvenut fit-22 ta' Novembru 2001 fejn eccepixxa:**

**Illi mhuwiex minnu illi l-incident in kwistjoni gara minhabba tort u traskuragni tal-konvenut , pero' kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza.**

**L-incident gara minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-attur;**

**Illi l-attur dahal fit-triq in kwistjoni u dan minkejja t-tabelli ta' No Entry u tabelli li jindikaw illi kienu qieghdin jsiru x-xogholijiet tat-toroq.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Borg, ExPs 14 Carmel Psaila, Anthony Camilleri u George Busuttil. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-31 t'Awizzu, 1999, f'Old Mill Street, Mellieha, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni DAR 923 misjuqa mill-attur, u ingenju li jobrox il-qatran li kien misjuq mill-konvenut.**
2. **Fil-jum in kwistjoni, u fil-mument ta' l-incident kienu qed isiru xogholijiet f'Old Mill Street, u l-konvenut kien qed isuq il-"planer", u kien qed jirriversja fil-parti tat-triq li kien imqaxxra meta gara l-incident.**
3. **Skond il-konvenut dik il-parti tat-triq kienet maghluqa ghat-traffiku b'sinjal apposite f'dan is-sens, apparti li kien hemm sinjali li jindikaw li qed isiru xogholijiet, kif ukoll "barriers" u "cones", ghalkemm ma jeskludix li l-"barrier" setghet tnehhiet biex jghaddi truck.**
4. **L-attur da parti tieghu jghid li waqaf inizzel xi passiggieri, u l-konvenut irriversja u dahal fih fuq il-pilastru ta' wara. L-attur jghid li fil-mument ta' l-incident kien wieqaf fuq il-lemin tat-triq, u l-ingenju kien xi hamsa u ghoxrin pied il-boghod. Ix-xhud Anthony Camilleri isostni li l-attur ma kienx wieqaf.**

**5. It-Tribunal iqis li x-xhieda tal-konvenut dwar li ma setghux jghaddu vetturi fejn gara l-incident hi kontradetta mix-xhieda ta' l-ex PS14 Carmel Psaila, li kien kategoriku meta qal li ma kienx hemm "no entry sign", li ghalkemm ikkonferma li t-triq kienet mibruxa. L-istess Surgent xehed li l-attur seta' jidhol f'dik it-triq. Mir-road accident report lanqas ma jirrizulta li kien hemm tali sinjal. Ghalkemm x-xhud Anthony Camilleri, impjegat ma' Carmel Vella Limited, li kien jiehu hsieb il-"planer" xehed li kien hemm tabella ta' "no entry", it-Tribunal jaghti aktar affidabilita` ghax-xhieda ta' l-ex Surgent.**

**6. Inoltre ghandu jinghad ukoll li l-konvenut rriversja circa hamsa u ghoxrin pied qabel ma gara l-incident, tant li kienu qed jghajtulu biex jieqaf, pero dan baqa miexi lura sakemm habat ma' l-attur. L-istess Camilleri ghajjat lill-konvneut biex jieqaf.**

**7. Fic-cirkostazi jidher li l-incident sehh minhabba li l-konvenut ma kienx attent bizzejjed waqt li qed jirriversja bl-ingenju li kien qed ihaddem.**

**8. Bhala danni dawna jirrizultaw mid-Dok A esebit u ricevut fiskali relattiva.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira u**

**erbghin centezmu (Lm271.40) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**

**Gudikatur**